**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Rikors Guramentat numru : 74/14 AL

**A B K.I. 408786M f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri K u b'digriet tal-15 ta' Mejju 2014 A B giet appuntata kuratrici 'ad litem' ta' bintha K B**

**vs**

**Dr Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Dr Noel Scerri sabiex jirrapprezentaw lil P B K.I. 273475M u b'digriet tal-24 ta' April 2014 il-Qorti irrevokat contrario imperio in-nomina tal-kuratur deputat Dr Mark Busuttil u hatret minfloku lil Dr Alessandro Lia bl-istess inkarigu u fakultajiet u b'digriet tad-29 ta' April 2015 il-kuraturi deputati Dr Alessandro Lia u il-PL Noel Scerri gew estromessi mill-kawza**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-27 ta' Ottubru 2005, mil-liema zwieg, nhar l-24 ta' Novembru 2005 twieldet il-minuri K B;

2. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba li l-intimat P B irrenda ruhu hati ta' ingurji, eccessi, theddid u vjolenza domestika fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u bintu u sahansitra abbanduna lill-istess;

3. Illi r-rikorrenti ma tafx fejn qieghed jirrisjedi zewgha l-intimat u dana l-ghaliex huwa abbanduna lilha u lil bintha sa mis-sena 2009 u qatt ma rega' ghamel kuntatt mal-istess u huwa ghalhekk li r-rikorrenti pprocediet kontra kuraturi deputati; liema gew mahtura permezz ta' digriet tat-28 ta' Marzu 2014 (Dok A);

4. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tipprocedi b'dana r-rikors gurmanetat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet datat 11 ta' Marzu 2014 (kopja ta' liema digriet jinsab hawn ezebit u mmarkat Dok. B);

5. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-intimat, fosthom eccessi, ingurji, minacci u vjolenza domestika kommessi mill-intimat fuq martu u anke bintu, kif ukoll abbandun, liema rrendew il-hajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri K esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-istess tirrisjedi mal-istess omm;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment, li ghandu jizdied minn sena ghal sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, ghall-minuri K u tiddeciedi illi l-istess ghandu jibqa' jigi vversat favur ir-rikorrenti, sakemm il-minuri taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi *full time,* jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-istudji taghha fuq bazi *full time* u tordna lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; u dan flimkien mal-ispejjez kollha ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

4. Tordna li l-istess manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li huwa ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

5. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas, lir-rikorrenti ghaliha, dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja; filwaqt li tiddikjara li l-intimat iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand ir-rikorrenti;

6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-propjeta` tal-partijiet u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-esponent u tassenjahom lill-istess esponenti;

9. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha;

10. Tordna d-dekadenza tal-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika *in toto* jew *in parte* kontra l-intimat l-effetti tad-dispozzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Tawtorizza lir-rikorrenti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Alessandro Lia u il-PL Noel Scerri, li in forza taghha eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jippresentaw risposta ulterjuri fi stadju iehor tal-proceduri, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-imsemmi P B minnhom rappresentat. F'dan ir-rigward l-esponenti minn issa jitolbu lir-rikorrenti sabiex tiprovdilhom kull indirizz inkluz dak elettroniku u/jew numru tat-telephone tal-imsemmi P B sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw mieghu;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Alessandro Lia u il-PL Noel Scerri;

Rat li l-konvenut eventwalment gie notifikat izda ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'din il-kawza;

Semgeht lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet relatat maz-zwieg li sehh fis-27 ta’ Ottubru 2005. Min-naha taghha l-attrici qeghda tghid li z-zwieg tkissier irrimedjabbilment ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-konvenut li huwa kontumaci fil-kawza.

Il-qorti tirrileva li permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet taghhom, il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti, ddikjaraw li m’humiex edotti mill-kaz u ddikjaraw wkoll li ghamlu l-ghalmu taghhom biex jaghmlu xi forma ta’ komunikazzjoni mal-konvenut u konsegwentement irriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f’kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern. Izda permezz ta’ verbal datat 29 t’April 2015[1], gie rilevat mill-kutaturi deputati li l-ahhar indirizz maghruf tal-konvenut kien f’Malta u ghalhekk il-kuraturi deputati gew estromessi mill-kawza u il-konvenut gie notifikat fis-26 ta’ Mejju 2015[2] u in vista tal-fatt li ma gietx ipprezentata risposta guramentata f’dan il-kaz, il-konvenut huwa meqjus li huwa kontumaci f’din il-kawza.

## <u>Verzjoni ta’ l-attrici</u>

L-attrici tixhed permezz ta’ affidavit[3] u fih tirrakkonta l-hajja mizzewga taghha u tal-konvenut u kif sussegwentement iz-zwieg taghhom sfaxxa. Hija tghid kif hi u l-konvenut ltaqghu meta hija kienet ghadha l-iskola u kellha biss l-eta ta’ hmistax-il sena u l-konvenut kellu sitta u ghoxrin sena. Il-genituri taghha

---

[1] Ara fol 208 tal-process

[2] Ara fol 216 tal-process wara li gie ezebit estratt ta’ gazzetta lokali bl-avviz ai termini ta’ l-artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta

[3] Ezebit a fol 35 tal-process

ghal-bidu ma hadux pjacir li hija kienet f'relazzjoni mal-konvenut u dan peress li missieru ma kienx jaghti kaz lill-familja, izda l-attrici kompliet tiltaqa' mieghu sakemm il-genituri taghha bdew jaccettawh u l-konvenut beda jidhol id-dar. L-attrici tirrankkonta kif il-genituri taghha bdew jissikkawha hafna anke fil-hinijiet x'hin tidhol u tohrog mid-dar, u kif ghadda ftit zmien il-genituri taghha stess stiednu lill-konvenut imur jghix maghhom ghaliex kien jghid li ma kienx qieghed sew id-dar m'ohtu. Il-konvenut u l-genturi ta' l-attrici ma kienux imorru tajjeb flimkien, tant li wara xi zmien spiccaw keccewh mid-dar u l-attrici, meta ghalqet l-eta maggorenni, dak in-nhar stess, iddecidiet li titlaq mid-dar tal-genituri taghha u marret tghix mal-konvenut f'Santa Venera. Ftit wara li marret tghix mieghu, hija harget tqila u l-partijiet regghu marru jghixu ghand il-genituri ta' l-attrici, izda tal-familja taghha dejjem kienu jippressawha biex tizzewweg u wara sitt xhur li kienet harget tqila, il-partijiet izzewwgu. L-attrici hasset li kellha taghmel dan il-pass anke biex it-tifla tigi fuq isem iz-zewg partijiet. Wara z-zwieg hi tghid li l-partijiet baqghu jghixu ghand il-genituri taghha, u tghid li kemm fiz-zmien meta kienet tghix mal-genituri taghha u fiz-zmien meta kienu jghixu ghal rashom il-konvenut kien johrog filghodu kmieni ghall-kacca u qabel l-ghaxra ta' bil-lejl ma kienx jirritorna d-dar u sahansitra anke kien hemm anke zmien fejn kien jaghmel jumejn shah barra minghajr ma jarawh jew icempel. L-attrici tghid li meta kienet tipprova ccempel il-mobile tieghu, kienet issibu mitfi. Wara ftit zmien il-partijiet marru jghixu ghal rashom u hemmhekk l-attrici tghid li l-konvenut kien isir vjolenti u jsawwatha kull meta kien ikollhom argument, dan kien jaghmlu anke lil bintha K, ghax kien jghid li kienet imqarba, izda l-attrici ma kenitx tghid li l-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha u dan biex ma taqlax inkwiet, pero' ommha indunat ghax bdiet tara l-marki fuq gisimha. Il-konvenut kwazi qatt ma kien jahdem u l-ftit xoghol li kien jaghmel kien ikun bla ktieb, u sussegwentement flus ma tantx kien jaghtiha u hafna drabi kien jonfoq il-ftit li kien jiehu minghand tas-sigurta' socjali fl-inbejjed u s-sigaretti. Kien hemm zmien fejn bdew isibuha n-nies barra u jitolbuha l-flus ghaliex il-konvenut kien tellgha kontijiet qawwija maghhom u sahansitra darba nqatghalhom id-dawl fis-Sajf ghaliex ma kienux thallsu l-kontijiet u ghalhekk kellu jhallas missier l-attrici biex rega' kellhom id-dawl. Darba fost l-ohrajn, il-konvenut telaq' mid-dar u

ma irritornax u peress li t-tifla tal-partijiet kellha biss sentejn, l-attrici iddecidiet li titlaq tghix ghand ommha ghaliex ma kelliex flus biex thallas il-kera. Hija kellmet avukat u l-konvenut rega' beda jara lit-tifla u darba hallas manteniment ta' mitt ewro, izda qatt ma hallas xejn izjed. Wara xi zmien, il-partijiet kienu regghu irrangaw l-affarijiet ta' bejniethom u l-attrici kienet hafret lill-konvenut u kienet regghet marret tghix mieghu flimkien mat-tifla taghhom f'Bahar ic-Caghaq. Huma regghu infirdu wara ftit zmien u l-konvenut baqa' aggressiv ma' l-attrici, tant li hi tghid li darba kien qasmilha xoftejha u fuq ghajnejha ghax ippretenda li ghandha terga tirritorna mieghu u kellha tmur l-Isptar sa l-ghada filghodu u sahansitra kienu arrestawh il-pulizija. Mis-sena 2009 l-hawn, hi qatt ma rat lill-konvenut izjed u qatt ma gie ghat-tifla. Hi tghid li bhala propjeta' l-partijiet qatt ma kellhom xejn bejniethom, la loans, la karozzi u lanqas flejjes kontanti. Hemm biss il-kwistjoni tal-minuri K li l-konvenut ilu ma jara mis-sena 2009 ghaliex l-attrici tghid li l-konvenut m'ghandu l-ebda interess fiha.

## <u>Verzjoni Konvenut</u>

Il-Qorti m'ghandha l-ebda informazzjoni dwar il-verzjoni tal-konvenut jew x'jixtieq f'din il-kawza ghaliex il-konvenut ma jaghti l-ebda forma ta' xiehda u lanqas ma ipprezenta risposta guramentata.

## <u>Provi migbura quddiem il-Qorti</u>

L-attrici permezz ta' nota[4], ipprezentat l-affidavits ta' Carmen Attard, Maria Attard u John Mark Attard liema affidavits kienu diga' gew ipprezentati f'kawza precedenti.

Fl-affidavit taghha[5], omm l-attrici Carmen Attard issostni t-tezi tal-attrici u tikkorrabora dak kollu li tghid l-attrici fix-xiehda taghha. Hi tghid li l-konvenut kien mar jghix maghhom fid-dar meta il-partijiet kienu gharajjes u dan ghaliex il-konvenut ma kienx qieghed ihossu komdu ma' ohtu. Hija tghid li thassritu u

---

[4] Ara fol 38 tal-process

[5] Ara fol 40 tal-process

ghamel madwar sena jghix maghhom. Umbaghad kien rega' telaq. Sadanittant, is-Sinjura Attard tghid li kienet tahsillu u taghmillu kollox u kienet tistmah qisu binha, izda qatt ma taha kumpens ta' xejn. Zzid li ma xtaqitx li bintha tmur tghix mieghu hekk kif mar ighix ghal rasu, izda l-attrici kienet zghira hafna u marret, u fiz-zmien meta kienu jghixu flimkien il-partijiet l-attrici ma kenitx tmur tara lill-ommha, kienet dejjem tmur omm l-attrici ghandha filghodu, u kienet tara wkoll li hafna drabi l-konvenut ma kienx jahdem u meta kienet tmur ghandhom il-konvenut kien jistahba biex ma tindunax li kien ikun id-dar. Ftit xhur wara, l-konvenut baghatilha messagg li l-partijiet kien se jkollhom tarbija u omm l-attrici haditha hafna bi kbira ghax din kienet se tkun tarbija barra z-zwieg. Hi offriet li l-partijiet imorru jghixu maghha u innutat li l-konvenut, minkejja li kien jaf li kien se jkollu tarbija, ma kienx imur jahdem. Omm l-attrici tghid li kienet kuntenta li wara ftit xhur tat-tqala l-attrici qaltilha li l-partijiet kienu se jizzewgu u fil-fatt hi hekk riedet ghax kienet tinkuraggiha biex tizzewweg peress li ghaliha kien dizunur li bintha jkollha tarbija barra miz-zwieg. Wara li zzewgu, hi tghid li kienet xhud ta' diversi incidenti bejn il-partijiet ghaliex l-attitudni tal-konvenut wara z-zwieg inbidlet, beda jikkmanda hafna lil bintha u kien jittrattaha hazin hafna u jhedded li ser iweggaghha. Wara z-zwieg kienet tara grif u daqqiet fuq gisem bintha u kienet tisma' hafna twerzieq u ghajjat gej mill-kamra taghhom, izda l-attrici qatt ma kienet tammetti li kienet qed issir vjolenza fuqha. Hi tghid li kif il-partijiet marru jghixu ghal rashom meta t-tifla kellha sena u nofs, il-konvenut kien johrog minn filghodu sa filghaxija u kien imur ghall-kacca u ghand il-hbieb tieghu, u darba kellha thallas elf Ewro biex terga' ggibilhom id-dawl peress li kien inqatalhom, u fil-fatt hi tghid li kellha tibda tixtri lil bintha hafna affarijiet, kemm ta' hwejjeg kif ukoll ta' l-ikel.

Tixhed ukoll permezz ta' affidavit Maria Attard[6] li tigi z-zija ta' l-attrici. Hi tghid li meta l-partijiet kienu jmorru ghandha, kienet tinnota li l-attrici kienet iggib ruhha ta' tifla zghira li kienet imma l-konvenut kien pjuttost possessiv fuqha, fil-fatt ma kienx ihalliha tmur wahedha ghandha. Meta l-attrici inqabdet tqila, hija tatha parir li tizzewweg biex it-tifla jkollha kunjom missierha,

[6] Ezebit a fol 43 tal-process

izda l-attrici kienet tghidilha li thossha mbezza' ghaliex kienet minghajr esperjenza. Hi tghid li meta zzewwgu u wara xi zmien marru jghixu ghal rashom, kienet tmur ghand il-partijiet ghaliex kienu jghixu vicin taghha u kienet tinnota marki u tbengil fuq l-attrici, izda l-attrici dejjem kienet tghid li qed tolqot wiccha, u meta kienet tmur ghand l-attrici dejjem kienet issibha wahedha u meta kienet timrad it-tifla tal-partijiet kienet ix-xhud stess li kienet tmur tiehu hsiebha, ghaliex il-konvenut qatt ma kien ikun id-dar. Hi taf li meta l-attrici marret tghix ghand ommha, dan ghamlitu ghaliex il-kera ma kienitx thallset u l-konvenut kien telaq ghaliex ma riedx imur jghix ghand omm u missier l-attrici.

Jixhed ukoll hu l-attrici John Mark Attard[7], li jghid li ohtu l-attrici kienet spiss tiftah qalbha mieghu u jghid li sa mill-bidu meta l-konvenut mar jghix maghhom fid-dar kien jidher pussessiv lejn l-attrici. Hu jiftakar li sa mill-bidu kien hemm argumenti bejn il-partijiet u meta l-attrici kienet titolbu l-ghajnuna fid-dar kien jissuppervja, jibda jitkellem hazin u jitlqa' l-fuq jorqod. Jghid ukoll li l-genituri tieghu kellhom nuqqas t'approvazzjoni ghal dak li kien gara, u cioe' ghal meta inqabdet tqila l-attrici wara li marret tghix mal-kovenut. Huwa kien jara pressjoni mill-genituri tieghu fuq l-attrici biex kemm jista' jkun tizzewweg minhabba t-tarbija. Wara z-zwieg, beda jinnota li l-konvenut iktar ma jahdimx milli jahdem u kien imur spiss ghal kacca u kien iqatta hafna hin, inkluz li kien jigi d-dar tard bil-lejl, minkejja l-fatt li kien hemm tifla fin-nofs, u jzid jghid li darba l-konvenut kellu xi jghid bl-ikrah ma' missieru u kien ghamillu xi griehi u kien jinnota wkoll li l-attrici kien ikollha marki ta' vjolenza fuq gisimha. Wara li l-partijiet marru jghixu ghal rashom wara z-zwieg, ix-xhud kien imur jara lill-attrici u kien jinnota li kienet tkun dejjem fil-bzonn ta' flus u sapport morali ghax kienet tkun dejjem wahedha, sahansitra ommu u z-zija kienu jzommulha lil bintha biex hi tkun tista tmur l-isptar jew tixtri xi medicini.

Jixhed ukoll Joseph Caruana[8] mill-Bank of Valleta li jipprezenta Dok BOV1 (fol 64), Dok BOV2 (fol 100), Dok BOV3 (fol 106) u Dok BOV4 (fol 166). Dok BOV1 huwa kont tal-konvenut li

---

[7] Ezebit a fol 45 tal-process

[8] Ara fol 61 xhieda datata 16 t'Ottubru 2014

ghadu miftuh, u DOK BOV2, BOV3 u BOV4 huma kontijiet ta' l-attrici, izda Dok BOV4 huwa kont maghluq.

Xehed ukoll Saviour Theuma[9] mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ipprezenta tlett dokumenti Dok DSS1 (fol 103), DSS2 (fol 104) u DSS3 (fol 105). Dok DSS1 li juru kemm hadet l-attrici f'*children's allowance* u Dok DSS3 huma ammonti ta' ghajnuna li ha l-konvenut, izda x-xhud jirrankkonta li wara t-23 t'Awissu 2013 il-konvenut ma rceviex izjed ghajnuna socjali.

Jixhdu wkoll rapprezentanti tal-bank APS u Lombard Bank[10] li qalu li ma jirrizultax li kien hemm kontijiet tal-partijiet f'dawn il-banek.

Xehed ukoll Saviour Theuma[11] mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li ipprezenta document Dok DSS(x) (fol 173) dwar kif inhi maqsuma c-*children's allowance*. Xehedet ukoll Audrey Ghigo[12] mill-Bank HSBC li xehdet li l-partijiet m'ghandhomx kontijiet ma' l-istess bank.

Xehed ukoll Joseph Saliba[13] rapprezentant ta' l-ETC, li ipprezenta tlett dokumenti li huma l-*employment history sheets* tal-konvenut u *registration history* tal-konvenut, u jghid li l-ahhar li l-konvenut irregistra ghax-xoghol kien fl-14 ta' Ottubru 2013.

Jixhed ukoll Stephen Cachia mill-ADT[14] li qal li ma hemmx karozzi jew vetturi registrati f'isem il-partijiet, kif ukoll l-attrici tipprezenta DOK GC[15] li huwa rapport tal-pulizija intavolat mill-attrici u datat 28 ta' Frar 2009 li jikkonferma l-vjolenza li hi batiet dak in-nhar li xehedet fl-affidavit taghha u dan waqt l-access tal-konvenut ghal bintha, meta l-konvenut hebb ghall-attrici u ikkawzalha griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna taghha.

---

[9] ibid.

[10] ibid.

[11] Ara fol 170 xhieda datata 15 ta' Dicembru 2014

[12] ibid.

[13] Ara xhieda datata 18 ta' Frar 2015 a fol 191 tal-process

[14] Ara fol 198 tal-process xhieda datata 16 ta' Marzu 2015

[15] Ezebit a fol 201 tal-process

**<u>Dwar it-talba ghas-separazzjoni personali u r-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg</u>**

Fir-rikors guramentat u fl-affidavit taghha l-attrici tidher li qed tibbaza t-talba taghha fuq il-vjolenza u l-abbandun min-naha tal-konvenut.

Rigward l-abbandun, il-Qorti ser taghmel referenza ghall-Artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk,

"*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba"*.

Permezz ta' l-affidavit taghha, liema xiehda l-Qorti tirrileva li hija kkollaborata, izda mhux ghal kollox, mix-xiehda ta' ommha, zitha u huha, l-attrici tiddikjara li l-kovnenut l-ahhar li ratu kien fis-sena 2009. Ix-xhud John Mark Attard li jigi hu l-attrici ikkonferma li meta spicca z-zwieg bejn il-partijiet, kienet l-attrici li telqet mid-dar matrimonjali peress li ma setghetx tghix izjed fid-dar matrimonjali minghajr ma tithallas kera u li qabel ma marret tghix lura ghand il-genituri taghha, il-konvenut kien dam gimgha ma jersaq lejn id-dar matrimonjali. Dan ma ikkonfermatux l-attrici bil-gurament u ghalhekk il-Qorti m'ghandiex idea cara dwar kif graw l-affarijiet fis-sena 2009 meta l-partijiet isseparaw *de facto*. Il-Qorti ma tistax tghid jekk kenitx l-attrici li telqet mid-dar matrimonjali ghaliex is-sitwazzjoni finanzjarja u morali kienet saret wahda insopportabbli, jew inkella kienx il-konvenut li abbaduna d-dar matrimonjali.

Certament l-attrici ghalhekk ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet spicca ghaliex il-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali, madanakollu l-attrici irnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa minhabba ingurji, sevizzi, theddid, eccessi u vjolenzja min-naha tal-konvenut fuq l-attrici.

Hawnhekk, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Scicluna Maria Dolores Sive Doris Vs Scicluna Anthony**[16] fejn gie ritenut li "***Sabiex tintalab is-separazzjoni personali mhux mehtieg li jikkonkorru l-eccessi, is-sevizzji, it-theddid u l-ingurji gravi, izda kull wahda minn dawn ir-ragunijiet wahedha hija sufficjenti***" u zzid tghid li "***Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri…..Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***".

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[17] u **Greengrass Hugh vs. Greengrass Lucia**[18] fejn gie ritenut li "***Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima***" u zzid tghid ukoll li "***Sabiex tigi promossa t-talba ghas-separazzjoni mhux mehtieg kumulu ta` kawzali, kull wahda mill-kawzali ta' sevizji, it-theddid u l-ingurji gravi hija sufficjenti sabiex jigu vjolati r-rigwardi tal-konvivenza konjugali***".

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha prodotti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentment hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Jirrizulta li l-komportament tal-konvenut tul is-snin fil-konfront ta' l-attrici kien wiehed mhux accettabbli u certament wiehed li ma jaghmel l-ebda gid ghal hajja konjugali serena. Il-verzjoni attrici giet ikkorroborata anke mix-xiehda ta' persuni ohra fis-sens illi li l-konvenut kien vjolenti fil-konfront ta' l-attrici, primarjament ghaliex x-xhieda kollha kienu jaraw il-marki ta' vjolenza fuq gisimha, u ta' dan gie ipprezentat anke rapport lill-pulizija mill-

[16] Deciza nhar is-27 ta' Novembru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Cit Nru 1715/2001)
[17] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)
[18] Deciza nhar it- 2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 98/2002)

attrici stess, oltre dan, ix-xhieda kollha kienu jaraw li l-konvenut kien ihalli lill-attrici ta' spiss wahedha tfendi ghal rasha u kien ikollhom jghinuha huma meta kien ikollha bzonn taghmel xi qadjiet, l-attrici tghid li kien imur ghall-kacca, x'kien ikun qed jaghmel il-konvenut mhux rilevanti, li hu rilevanti hu li l-konvenut kien ihalli lill-attrici wahedha ghal perjodu twal ta' hin u waqt dawn il-perjodi ma kienx ikun xoghol. Ix-xhieda kollha kienu jaraw u jindunaw li l-konvenut kien ihalli lill-attrici fi bzonn finanzjarju, specjalment kif ikkonfermat ommha u fil-fatt darba sahansitra l-Enemalta kienu qatghu is-servizz tad-dawl tad-dar matrimonjali u kellha tintervjeni omm l-attrici biex thallas il-kont biex il-partijiet jerga ikollhom is-servizz tad-dawl. Ix-xiehda ta' omm l-attrici qeghda tigi moghtija importanza partikolari minn din il-Qorti u dan ghaliex omm l-attrici ghexet *first hand* kemm l-gherusija tal-partijiet u kemm iz-zwieg tal-partijiet, u dan peress li l-partijiet ghamlu xi zmien jghixu maghha kemm qabel u kemm wara z-zwieg u ghalhekk hija, iktar min kull xhud iehor, tista' tghid u tivverifika certa tibdil fil-komportament tal-konvenut. Illi x-xhieda tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u ta' l-ETC indirettament jaghtu dawl fuq il-karattru tal-konvenut li deliberatament waqaf jirregistra u dan il-Qorti qeghda tinterpretah bhala irresponsabbilita' kbira min-naha tal-konvenut, meta kien jaf illi hemm minuri x'tigi mantenuta u tinghata hajja dicenti.

Il-Qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-Ligi, u dan anke in vista tax-xhieda kollha prodotti, li l-konvenut irrenda ruhhu hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba ingurji, sevizzi, theddid, eccessi u vjolenzja fil-konfront ta' martu.

Ghalhekk, in vista ta' dan, it-talba ghas-separazzjoni personali bi htija fil-konfront tal-konvenut timmerita li tigi milqugha.

**<u>Dwar il-kura u kustodja tal-minuri</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-partijiet ghandhom wild minuri K. It-talba ghall-kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju ta' l-ahjar interessi tal-minuri. Wara li semghet il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza, il-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-attrici ghandha

tkun fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri K, anke in vista' tal-fatt li l-minuri ilha ma tara lill-konvenut ghal zmien twil u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida ghaliex ir-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula. Fuq kollox m'hemm l-ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja ghall-istess minuri, wara li gie ppruvat li il-konvenut ghandu ftit li xejn kuntatt mal-minuri. Il-Qorti qeghda tara wkoll li min-naha tal-konvenut m'hemmx interess li hu jkollu access ghall-minuri. Tenut kont ta' dan, il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri K li l-kura u kustodja ta' l-istess tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici.

**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment tal-wild</u>**

F'dan il-kuntest il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

"*Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja*"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta'l-ulied*."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."*

Ghalhekk il-kontribuzzjoni ghall-manteniment ta' l-ulied ghandha tkun minn kull wiehed mill-genituri u tvarja minn kaz ghal kaz u jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess ulied pero' jibqghu veljanti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet tal-genituri versu l-istess ulied specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19(1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk

jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi ikkalkulati ai termini tas-subartikoli ta' l-istess artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, m'hemm l-ebda prova la tal-qliegh ta' l-attrici u lanqas tal-konvenut, izda tenut kont ta' dan kollu, kif diga' gie rilevat, it-tifla K ghandha d-dritt ghall-manteniment.

Illi tenut kont ta' dak diga' hawn fuq ipprecizat, kif diga' spjegat, l-konvenut huwa missier il-minuri K u ghandu l-obbligu li jmantni lill-minuri, flimkien ma' l-attrici, irrispettivament mill-introjtu li ghandu. F'dan il-kuntest il-Qorti thoss li jkun ewku u gust li l-konvenut jigi ordhat li ihallas is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) kull erba' (4) gimghat bhala manteniment ghall-minuri K. Jigi rilevat li tali manteniment jinkludi fih spejjez relattivi mas-sahha u edukazzjoni ta' l-istess wild. Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi jkun aktar prattiku li l-intimat ihallas somma fissa fix-xahar, milli jhallas nofs l-ispejjez ta' sahha u l-edukazzjoni bir-ricevuti, stante li l-komunikazzjoni bejn il-partijiet hija wahda inezistenti u tali arrangement mhux wiehed prattiku. Il-Qorti tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa' jitahallas sakemm il-minuri taghlaq it-tmintax (18)-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement issir maggorenni u tkun qeghda tistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-konvenut sakemm l-istess minuri tieqaf tistudja fuq bazi full-time jew tilhaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghalhekk, fic-cirkostanzi, il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba fil-konfront tat-tifla minuri K. Dan l-ammont ghandu joghla kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja.

**<u>Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici ghaliha nfisha</u>**

Rigward it-talba ghall-manteniment tal-attrici, il-Qorti tosserva li ma ngabux provi dwr jekk qatt l-attrici hadmet jew jekk hix qeghda tahdem illum. Madanakollu l-Qorti osservat li l-attrici

tghix ma' ommha, jew ta' l-inqas meta kienet marret tghix separatament *de facto* mill-konvenut marret ghand ommha. Ghalhekk il-Qorti tqis li, tenut kont li l-attrici ghandha l-appogg ta' ommha, kif ukoll li llum it-tifla minuri ghandha certa eta' li taghtiha certa grad ta' indipendenza, tenut kont ukoll li l-attrici ghadha zghirha u ghandha potenzjal tahdem, il-Qorti mhux se tillikwida ammont ta' manteniment li l-attrici minghand il-konvenut.

Izda, fin-nuqqas ta' provi li juri li l-attrici ma tistax tahdem minhabba ragunijiet medici, u filwaqt li il-Qorti tirrikonoxxi li l-possibilitajiet tal-attrici li issib xoghol *full-time* huma ristretti, kif ukoll wara li l-Qorti kkunsidrat in-nuqqas ta' introjtu ta' zewgha u wkoll l-eta' zghira ta' l-attrici, l-Qorti thoss li *rebus sic stantibus* mhux il-kaz li jigi komputat manteniment ghaliha minghand zewgha izda il-Qorti tafferma illi, tenut kont li l-parti hatja tas-separazzjoni hija l-konvneut, l-attrici jkollha dritt li tezigi manteniment minghandu ghaliha, kemm il-darba din tisfa' bla mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha ghar-ragunijiet li ma jkunux fil-kontroll taghha.

**<u>Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti</u>**

L-assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti huma il-kontijiet bankarji li ipprezentaw ir-Rapprezentanti tal-Banek u ghalhekk rigward il-kontijiet tal-bank il-Qorti tordna li l-kontijiet kollha ghandhom jigu assenjati f'isem min qeghdin diga' intestati.

Illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kwalunkwe dejn li jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghandu jithallas b'mod totali mill-konvenut.

**<u>Dwar id-divizjoni ta' gid iehor komuni mhux formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti</u>**

Illi ma jirrizultax li kien hemm xi assi komuni mhux formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti u il-Qorti ghalhekk mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**Dwar it-talba tal-beni parafernali li ghandhom jigu irritornati lill-attrici**

Illi ma jirrizultax li kien hemm xi propjeta' jew assi parafernali f'dan iz-zwieg u ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba.

**Dwar id-dekadenza tal-konvenut**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-konvenut huwa hati ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba dak hawn fuq spjegat f'kap intitolat "Dwar it-Talba ghas-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' ghat-Tifrik taz-Zwieg" u dan minhabba ingurji, sevizzi, theddid, eccessi u vjolenzja li huwa ikkommetta fuq il-familja tieghu u ghalhekk tara li hemm ir-rekwiziti necessarji biex jigi applikat kontra l-istess konvenut l-Artikolu 48 tal-Kap

16 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress ukoll li jirrizultaw ix-xenjari jew ic-cirkustanzi msemmija fl-Artikolu 40, il-Qorti tilqa' t-talba ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 51, 52 u 53 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-partijiet ghal ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-konvenut fosthom ingurji, sevizzi, theddid, eccessi u vjolenzja;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri K tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici b'dan li l-minuri ghandha tirrisjedi ma' l-attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiffissa u tordna lill-konvenut thallas is-somma ta' tlett mitt Ewro (€300) kull erba' gimghat ghall-minuri K, liema manteniment ghandu jizdied kull sentejn skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja u jinkludi fih l-ispejjez relattivi mas-sahha u l-edukazzjoni ta' l-istess wild. Il-Qorti tordna wkoll li tali manteniment ghandu jibqa' jithallas jekk l-istess tifla K tibqa' tistudja *full-time sal-eta`* ta' tlieta u ghoxrin (23) sena u jekk l-istess minuri ma tibqax tistudja fuq bazi "full time", sal-eta` ta' tmintax(18)-il sena;

4. Tilqa r-raba talba u tordna li l-istess manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li ghandu jew li jista' jkollu jew mill-beneficcji socjali li huwa jkun jista' qieghed jircievi minn zmien ghal zmien;

5. Tilqa' limitatament il-hames talba kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni hawn fuq intestata *Dwar it-talba ghall-manteniment ta' l-attrici ghaliha nfisha*;

6. Tilqa’ s-sitt talba u xxolji u tittermina l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni hawn fuq intestata *Dwar ix-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti*;

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba’ talba;

8. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien talba;

9. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-disa’ talba;

10. Tilqa’ l-ghaxar talba u tordna d-dekadenza ta’ l-intimat mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tapplika d-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. Tilqa` l-hdax il-talba;

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu imhallsa mill-konvenut.